MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 321/2009

**Lucienne Spiteri**

**vs**

**Paul u Maria Lourdes konjugi Galea u Jonathan u Kathleen ahwa Spiteri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li ta bidu ghal din il-procedura datat id-29 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu wara li r-rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat Louis Spiteri fit-18 ta' Jannar, 1991;

2. Illi l-istess intimat Spiteri ndikat fil-paragrafu precedenti miet fl-14 ta' Frar, 2009;

3. Illi fil-mument tal-mewt tal-imsemmi ntimat il-partijiet hawn indikati Lucienne u Louis Spiteri kienu ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni;

4. Illi fis-27 ta' Marzu, 2009, ir-rikorrenti Spiteri kienet giet notifikata b'mandat t'inibizzjoni fejn Paul u Maria Lourdes konjugi Galea kienu qed jikkawtelaw kreditu kif redatt in atti tan-Nutar indikat fl-istess rikors promotur datat il-5 t'April, 2008;

5. Illi l-imsemmi Louis Spiteri kien istitwixxa ipoteka generali fuq il-beni kollha tieghu prezenti u futuri li r-rikorrenti Lucienne Spiteri la kienet prezenti ghall-pubblikazzjoni tal-istess ipoteka u lanqas kienet taf bl-ezistenza taghha qabel ma giet notifikata bil-mandat su riferit;

6. Illi l-ipoteka generali fuq indikata kienet fuq proprjeta` formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' Lucienne (ir-rikorrenti odjerna) u Louis Spiteri, (illum defunt);

Talbet lill-intimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-kunsens tar-rikorrenti Lucienne Spiteri kien mehtieg ghall-pubblikazzjoni ta' l-att tan-nutar fuq riferita datat il-5 t'April, 2008;

2. Tiddikjara li l-kunsens tar-rikorrenti kien mankanti fuq l-att riferit fil-paragrafu precedenti u ghalhekk l-istess att ma setax jigi ppublikat;

3. Tannulla l-att notarili in dizamina;

4. Tordna l-kancellament tal-ipoteka generali kostitwita fl-istess att;

5. Tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

6. Bl-ispejjez skont il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimati Paul u Marija konjugi Galea datata l-25 ta' Mejju, 2009, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna hi nulla u nvalida ai fini u effetti kollha tal-ligi, stante is-segwenti:

i. Illi l-effetti guridici tan-nuqqas ta' kunsens riskontrat tar-rikorrenti mhix l-annullabilita` tal-att notarili in dizamina, li jibqa` validu fir-rigward tal-effetti parafernali in dizamina;

ii. Illi r-rikorrenti ghandha tiddikjara acettatx l-eredita` ta' zewgha Louis Spiteri;

iii. Illi in ogni modo, l-effett ta' tali nuqqas ta' kunsens jolqot biss l-immobbli;

iv. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jintlaqghu u minflok kellha ssir talba ghal att korrettiv, liema talba ma saritx;

2. Illi di piu`, ma kien hemm l-ebda htiega ta' tali azzjoni;

3. Illi l-intimati konjugi Galea m'ghandhomx ibatu spejjez;

4. Illi l-elementi rikjesti mill-artikolu 1326 tal-Kap 16 ma jirrizultawx;

5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati nominati in rapprezentanza ta' Louis Spiteri datata t-2 ta' Gunju, 2009 li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ghandha tghid jekk Louis Spiteri halliex eredi warajh;

2. Illi jekk halla eredi, dawn ghandhom ikunu parti f'din il-procedura;

3. Illi fil-meritu f'dan l-istadju, m'humiex edotti mill-fatti;

Rat il-verbal ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-11 ta' Gunju, 2009, li permezz tieghu hatret Assistent Gudizzjarju biex tisma' l-provi, (ara fol 35);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-10 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu nfurmaw lill-qorti li l-provi gia` mismugha minn din il-qorti diversament preseduta qed jittiehdu daqs li kieku gew prezentati quddiem din l-istess qorti kif issa preseduta;

Rat in-nota ta' Jonathan u Kathleen ahwa Spiteri datata l-1 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha assumew l-atti f'isimhom bhala eredi tal-mejjet Louis Spiteri;

Rat il-verbal taghha datat l-1 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu awtorizzat it-trattazzjoni skritta tal-partijiet bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 88);

Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-abbli Assistent Gudizzjarju nominata;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tar-rikorrenti tista` sintetikament tigi esposta bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti zzewget lil Louis Spiteri fit-18 ta' Jannar, 1991;

2. Illi l-istess Louis Spiteri miet fid-data gia` ndikata fil-paragrafu numru 2 tas-sintesi tar-rikors guramentat promotur;

3. Illi kien hemm procedura ta’ separazzjoni *mensa et thoro* pendenti bejn l-imsemmija konjugi Spiteri;

4. Illi fis-27 ta’ Marzu, 2009, ir-rikorrenti Spiteri kienet notifikata b’mandat t’inibizzjoni li permezz tieghu l-intimati Paul Maria Lourdes konjugi Galea qed jipprovaw jikkawtelaw kreditu rizultanti minn att notarili datat il-5 t’April, 2008;

5. Illi fl-att imsemmi Louis Spiteri kien ikkostitwixxa ipoteka generali fuq il-beni kollha tieghu prezenti u futuri;

6. Illi r-rikorrenti Lucienne Spiteri, ghalkemm kienet ghadha l-konjugi tal-imsemmi Louis Spiteri, ma kinitx prezenti ghall-att imsemmi fil-paragrafu precedenti u effettivament, lanqas kienet taf bl-ezistenza tieghu sakemm kienet notifikata bl-imsemmi mandat;

7. Illi in effetti l-imsemmi Louis Spiteri kien ghabba l-proprjeta` kollha tal-komunjoni b’piz li bih ir-rikorrenti ma kienet taf xejn u lanqas tat il-kunsens taghha fir-rigward;

8. Illi la l-vinkolu konjugali kien ghadu validu bejn il-partijiet Spiteri, kien ghadu vinkulanti wkoll l-obbligu li biex ikunu jistghu validament jidhlu f’atti pubblici ikun jehtieg il-kunsens tat-tnejn li huma;

9. Illi fin-nuqqas ta’ tali kunsens da parti tar-rikorrenti, allura l-att notarili in dizamina huwa ghal kollox null u ghalhekk mhux vinkolanti jew enforzabbli;

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni tal-intimati konjugi Galea tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi jissottomettu li l-mankanza ta’ kunsens tar-rikorrenti Spiteri fl-ipoteka generali kostruwita minn Louis Spiteri fuq il-proprjeta` tal-komunjoni tal-akkwisti ma jattirax in-nullita` tal-att de quo;

2. Illi in effetti jsostnu wkoll li l-konjugi ma humiex eskluzi milli jidhlu f'negozju vinkolanti biss fuq parti wahda mill-koppja u b'hekk, il-parti li hekk tintrabat legalment taghmel hekk indipendentement mill-konjugi l-ohra u dan, ai termini tal-artikolu 1329 tal-Kap 16, u fid-dawl ta' **Demarco vs Demarco et** hemm indikata, (ara fol 97);

3. Illi di piu`, isostnu wkoll li anke jekk ghal grazzja tal-argument il-konsorti jirnexxielha fl-azzjoni taghha li timpunja l-att inkriminat taht l-artikolu 1326 tal-Kap 16, dan l-att ma jithassarx fit-totalita` tieghu izda jigi dikjarat biss li:

" … ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti …"; (ara **Gauci vs Paolo Bonnici Limited et** a fol 98);

4. Illi di piu`, jidher li hemm proceduri ohra ndirizzati fil-konfront tal-proprjeta` meritu tal-procedura odjerna li jista` wkoll jeffettwaw anke l-ezitu tal-istess;

5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li hu d-dover tal-gudikant li jevalwa c-cirkostanzi kollha tal-kazipprezentati quddiemu li sintetikament jindikaw bi precizjoni s-segwenti:

1. Illi din hi procedura intiza biex tittutela lir-rikorrenti minn sorpriza nefasta li kienet rinfaccata biha wara li kienet notifikata bil-mandat t'inibizzjoni de quo;

2. Illi r-retroxena tirrivela li dan kien tentattiv meskin ta' Louis Spiteri li jippriva lil martu mill-proprjeta` tal-komunjoni stante li z-zwieg taghhom irrokka;

3. Illi jirrizulta li ghamel il-procedura tal-ipoteka generali totalment ad insaputa tar-rikorrenti li kienet sorpriza bi kbir bin-notifika de quo;

4. Illi din il-qorti kif preseduta thoss ripunjanti t-tentattiv li l-istituzzjoni gudizzjarja tigi manipulata negattivament biex flok tghin biex tassigura l-gustizzja tkun minflok uzata li tikkastiga armla mghobbija wkoll b'responsabbilita` li trabbi lill-uliedha wehidha;

5. Illi in effetti hu minnu dak sollevat mill-intimati li tali atti xorta jibqghu validi fuq il-proprjeta` parafernali pero` dan ghandu japplika biss meta l-atti jkunu limpidi u moralment sostenibbli;

6. Illi jidher assodat li dan kien tentattiv subdolu biex minn wara dahar ir-rikorrenti, tinholoq sorpriza nefasta devastanti li ghall-finijiet maghrufa unikament mill-imsemmi konjugi defunt, timmenoma finanzjarjament lir-rikorrenti – haga li din il-qorti tirrifjuta li tavalla;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati u takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-kunsens tar-rikorrenti Lucienne Spiteri kien mehtieg ghall-pubblikazzjoni ta' l-att tan-Nutar Dottor Sandra Bugeja datat il-5 t'April, 2008;

2. Tiddikjara li l-kunsens tar-rikorrenti kien mankanti fuq l-att riferit fil-paragrafu precedenti u ghalhekk, l-istess att ma jistax jigi pubblikat;

3. Tannulla l-att in dizamina fuq riferit;

4. Tordna l-kancellament tal-ipoteka generali kostitwita fl-istess att fuq indikat;

5. Illi in vista wkoll tas-suespost, tillibera lill-intimati Jonathan u Kathleen ahwa Spiteri stante li kompletament estranei ghall-akkadut;

6. Tordna finalment li kopja tas-sentenza odjerna tigi komunikata ufficcjalment lid-Direttur tar-Registru Pubbliku skont il-ligi;

7. Bl-ispejjez kontra l-intimati Paul u Maria konjugi Galea.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------